**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**FL-ATTI TAR-RIKORS IPPREZENTAT MINN DR PETER CARUANA GALIZIA, MATTHEW CARUANA GALIZIA, ANDREW CARUANA GALIZIA U PAUL CARUANA GALIZIA NHAR IS-16 TA' OTTUBRU 2017**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2017**

**Il-Magistrat Inkwerenti,**

Rat ir-rikors ta' Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia datat 16 ta' Ottubru 2017, li gie mghoddi lilha fit-8.15p.m fejn ippremettew is-segwenti:

'1. Illi aktar kmieni llum wara nofsinhar mart ir-rikorrent Dottor Peter Caruana Galizia u omm ir-rikorrenti wliedha Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia u cjoe' l-gurnalista Daphne Caruana Galiza, giet maqtula brutalment permezz ta' bomba fil-karozza li kienet qieghda tinstaq mill-istess Daphne Caruana Galizia fil-Bidnija, limiti tal-Mosta;

2. Illi l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera kienet il-Magistrat tal-Ghassa fil-hin li sehh l-imsemmi delitt u konsegwentement marret fuq il-post tad-delitt, hatret diversi esperti u bdiet tikkonduci inkjesta magisterjali skond il-ligi;

3. Illi l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera kienet diversi drabi s-suggett tal-kritika politika u professjonali tal-maqtula Daphne Caruana Galizia u sahansitra l-Magistrat Consuelo Scerr Herrera, fil-kapacita' personali taghha, kienet bdiet proceduri gudizzjarji kontra l-maqtula Daphne Caruana Galizia dwar kummenti li kienet kitbet dwarha;

4. Illi ghalhekk mhux xieraq li l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera tibqa' taqdi r-rwol ta' Magistrat tal-Ghassa u dan stante li ghandha kunflitt flagranti ta' interess li jista' jippregudika l-ezitu tal-Inkjesta Magisterjali.

5. Illi r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda fiducja fil-Magistrat Consuelo Scerri Herrera u ma jemmnux li hija tista' tikkonduci l-Inkjesta Magisterjali bis-serjeta' u bl-imparzjalita' mehtiega li huma tant mehtiega fit-tfittxija tal-verita' fi qtil brutali ta' gurnalista ewlenija f'pajjizna; u

6. Illi ghal kull buon fini dan ir-rikors qieghed jigi notifikat lis-Sinjura tieghu l-Prim Imhallef Dottor Silvio Camilleri fl-ahjar interess ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.'

Illi r-rikorrent talab lill-Onorabbli Qorti u b'mod preciz lill-Onorabbli Magistrat tal-Ghassa 'tastjeni milli hija tkompli tikkonduci l-Inkjesta Magisterjali dwar id-delitt tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia u minflokha dan l-inkarigu ghandu jghaddi f'idejn il-Magistrat iehor skont il-lista stabbilita'.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru 2017 moghti ghall-habta tat-8.30p.m fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-Avukat Generali u taghtu zmien saghtejn ghat-twegiba tieghu stante n-natura serja tal-inkjesta odjerna.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li gie mghoddi lilha fil-11.00p.m. fejn ippremetta s-segwenti:

*"Illi permezz tar-rikors promotur qeghda tintalab l-astensjoni tal-Magistrat Inwkirenti milli tkompli tikkonduci l-inkjesta fuq premessa u dan ghal diversi ragunijiet elenkati fl-istess rikors.*

*Illi l-artikolu 368(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal istanzi fejn Magistrat jista' jigi rikuzat (jew jastjeni ruhu) milli joqghod f'kawza, u dawn l-istanzi huma limitati ghar-ragunijiet specifikati fil-paragrafi (1) (b) (c) u (d) sa fejn applikabbli tal-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta, jew minhabba li huwa jkun xehed jew jkollu jixhed f'dik il-kawza, jew minhabba li l-kawza tkun dwar reat li jkun sar bi hsara tieghu jew ta' martu jew zewgha jew ta' xi hadd li jigi minnu mid-demm jew imhallat mieghu bi zwieg fi gradi specifikati. Illi in pessima ipotesi, wahda mir-ragunijiet imsemmija fir-rikors in risposta kienet b'interpretazzjoni wiesa' taqa' fil-parametri tal-paragrafu (h) tal-artikolu 734(1) tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu, pero' l-artikolu 368 (4) ma jahsibx ghal tali bazi ghal rikuza jew astensjoni.*

Illi madankollu l-esponent jifhem u japprezza li l-avvenimenti sfortunati ta' illum huma ta' natura ferm partikolari jekk mhux ukoll unici. Dan ghaliex, fost affarijiet ohra, huwa ta' gharfien pubbliku li d-defunta u l-Magistrat Inkwirenti kellhom diversi kwistjonijiet bejniethom, u dan billi id-defunta f'diversi okkazzjonijiet kitbet dwar il-Magistrat Inwirenti fuq il-blog elettroniku taghha, liema kitba sahansitra kienet waslet sabiex il-Magistrat Inkwerenti fethet proceduri fil-konfront tad-defunta.

Illi filwaqt li l-esponenti jaghmluha cara li huwa ghandu fiducja shiha fis-serjeta' u l-imparzjalita' tal-Magistrat Inwkirenti, l-esponent jemmen ukoll li l-gustizzja mhux biss trid issir izda ukoll trid tidher li qeghda issir. Dan il-principju m'ghandux ikun limitat biss ghall-kawza fil-mertu, izda ukoll ghall-istadju ta' l-in genere, fejn ghandu jkun hemm is-serhan tal-mohh li l-provi jkunu ngabru u gew preservati bl-ahjar mod possibbli. Filwaqt li l-esponent jerga' itenni li huwa ghandu fiducja assoluta li l-Magisttrat Inkwirenti tista' taqdi dan ir-rwol b'mod

integru, tenut kont il-fatti specie unici ta' dan il-kaz u sabiex il-gustizzja tidher li qed issir, l-esponent huwa ta' l-umli fehma li sabiex tigi eliminata kull ombra ta' dubju fuq l-operat tal-Magistrat sahansitra anke jekk biss fuq bazi ta' percezzjoni, jkun opoprtun ghall-fini ta' l-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li l-Magistrat Inwkrienti **tastjeni** (sottolinejata u ttajpjata in bold mill-Avukat Generali) milli tkompli tikkonduci l-Inkjesta".

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti qed isostnu illi l-Magistrat sottostanti ghandha tirrikuza ruhha milli tkompli b'din l-investigazzjoni principalment ghaliex fil-fehma taghhom din ghandha kunflitt flagranti ta' interess li jista' jippregudika l-ezitu tal-inkjesta magisterjali.

Illi huma jsostnu li tali kunflitt huwa bazat ghaliex effettivament il-gurnalista Daphne Caruana Galizia kienet diversi drabi is-suggett ta' kritika politika u professjonali tant illi l-Magistrat sottostanti kienet sahansitra anke bdiet proceduri gudizzjarji kontra l-maqtula Daphne Caruana Galizia dwar kummenti li kienet kitbet dwarha. Illi minhabba f'hekk ir-rikorrenti jsostnu illi l-Magistrat sottostanti ma tistax tikkonduci l-Inkjesta Magisterjali bis-serjeta' u bl-imparzjalita' mehtiega fit-tfittxija tal-verita' f'dan l-omicidju.

Fir-rikors taghhom ir-rikorrenti ddikjaraw ukoll li nnotifikaw dan ir-rikors promotur taghhom lis-Sinjurija Tieghu Prim'Imhallef fl-ahjar interess ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u f'dan ir-rigward il-Magistrat tirrileva li tali notifika setghet saret biss b'ordni taghha, u peress illi r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda talba lilha f'dan ir-rigward, il-Magistrat ma ordnat l-ebda notifika minkejja li l-istess President tal-Qorti seta' sar jaf bil-kontenut ta' dan ir-rikors mill-mezzi tax-xandir.

Illi l-Magistrat Inkwerenti bhala osservazzjoni preliminari taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-4 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet **'Avukat Dr Samuel Azzopardi vs l-Avukat Generali et'** liema sentenza tinsab *sub judice* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn l-Imhallef f'dik il-kawza *obiter* jghid:

*'......il-kejl tal-imparzjalita' tal-gudikant ma jsirx abbazi tal-opinjoni personali tieghu imma abbazi tal-mod kif jaqdi l-Kostituzzjoni u tas-saltna tad-dritt.'*

Illi huwa principju assodat li 's-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li "il-gudice non si presume ne parziale ne corrotto" kif imtenni fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **'L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim'Ministru'**.

Opportunement, tajjeb li jigi rilevat li l-istitut tar-rikuzazzjoni hu primarjament marbut sfiq mal-principju tal-imparzjalita' u l-garanzija ta' dik l-indipendenza li l-gudikant desinjat mill-mertu tal-kaz ghandu jassikura li jigu dejjem tutelati. Proprju dwar dan l-istitut is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Lulju 1946 in re **l-Maesta Tieghu r-Re vs Carmelo Ivo Leone Ganado et** tipproduci din is-silta tal-Imhallef Sir Augustus Bartolo fil-kawza **Strickland vs Mizzi** '*Lo scopo che la legge e' inteza a conseguire e' quello di circondare colle debite garanzie, e assikurarsi nella maggior mizura possibile, non solo la retta amministrazzione della giustizia, fondamento di ogni buon governo ma anche la fiducia pubblica nella medesima.'* Fiha jissokta jinghad illi *'la ricusazione non e' per noi semplicemente una facolta' data alle parti in difesa del proprio interesse ma un provvedimento di ordine pubblico di primaria importanza.'*

Issir referenza wkoll ghal dak li jghid l-Imhallef Maurice Caruana Curran f'sentenza tieghu moghtija fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1990 fl-ismijiet **John M. Mizzi nomine vs Frederick Muscat nomine** fejn inghad li '*certament fost id-dmirijiet spiss mhux pjacevoli ta' kwalunkwe*

*imhallef hemm dak li kultant ikollu jiddeciedi li jibqa' f'kawza meta wahda mill-partijiet tkun irrikuzatu. Huwa japprezza d-delikatezza u l-importanza tal-eccezzjoni sollevata kontra tieghu f'dan il-kaz ghax kwistjonijiet bhal dawn huma intimament marbuta mal-bazi stess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-imparzjalita' manifestata.'*

Il-Magistrat taghmel ukoll referenza bhala principju fundamentali ghall-gurament ta' hatra ta' gudikant kif imtenni fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet '**Salaman vs the United Kingdom**' fejn inghad li '*there is no reason to doubt in particular that a judge would regard his oath on taking judicial office as taking precedence over any other social commitments or obligations*.".

Illi r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda referenza ghal xi disposizzjonji tal-ligi fejn ibbazaw it-talba taghhom.

Il-Magistrat Inkwerenti tibda billi taghmel referenza ghall-Artikolu 733 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghmilha cara li r-regola hi li l-Imhallef / Magistrat ma jistax jigi rikuzat jew jastjeni f'kawza migjuba quddiemu. Din hi r-regola u l-eccezzjonijiet ghal din ir-regola huma misjuba fl-Artikolu 734(1) tal-istess Kodici.

Illi ma jidhirx illi r-rikorrenti qed jibbazaw l-argumenti taghhom fuq xi sub inciz partikolari ta' dan l-Artikolu.

Illi apparti din ir-referenza, xorta jibqa' l-fatt li l-Magistrat Inkwerenti trid tara jekk tali disposizzjoni naxxenti mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili japplikax ghal materji kriminali u appuntu ghall-proceduri tal-*in genere* jew jekk hemmx xi disposizzjonijeit ohra fil-ligi li ghandhom applikabilita fl-istitut ta rekuza ta gudikant .

Illi l-Artikolu 368(1) tal-Kodici Kriminali li jinsab taht it-Titolu tat-Taqsima I, tat-Tieni Ktieb, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u intitolat '*Fuq il-Qorti tal-Magistrati*' jitkellem dwar meta Magistrat jista' jigi rikuzat jew jastjeni ruhu.

Ai fini ta' dan ir-rikors ikun utli li jigi citat l-Artikolu in kwistjoni:

*'368. (1) Ebda maġistrat ma jista' jiġi rikużat f'kawża jew jastjeni ruħu milli joqgħod fiha, ħlief minnufih wara r-rapport jew il-kwerela, u għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin taħt il-paragrafi (a), (b), (ċ) u (e), u taħt il-paragrafu (d), sa fejn dan jista' jgħodd, tal-Artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew minħabba li huwa jkun xehed jew ikollu jixhed f'dik il-kawża, jew minħabba li l-kawża tkun dwar reat li jkun sar bi ħsara tiegħu jew ta' martu jew żewġha jew ta' xi ħadd li jiġi minnu mid-demm jew imħallat miegħu bi żwieġ fil-gradi msemmijin fil-paragrafi(a) u (b) tal-artikolu fuq imsemmi.*

*(2) Lanqas ma jista' maġistrat jiġi rikużat f'kawża jew jastjeni ruħu milli joqgħod fiha, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 403 u fl-artikolu 433(5), għalkemm matul il-kompilazzjoni l-maġistrat ikun tħaddet mal-Pulizija jew ma' xi membru tagħha inkella mal-Avukat Ġenerali dwar il-ġabra tal-provi.*

Illi hawnhekk il-Magistrat tirrileva illi l-legislatur qed jitkellem fuq rikuza ta' gudikant f'kawza u ghalhekk tqum id-domanda sussidjarja jekk l-Artikolu sopra indikat ghandux japplika ukoll ghall-in genere, l-accessi u r-reperti.

Harsa lejn is-subartikolu (4) tal-Artikolu 368 jipprovdi twegiba fis-sens illi:

*'ebda wahda mir-ragunijiet hawn fuq imsemmija ma timpedixxi lill-Magistrat li johrog mandati jew li jaghmel atti dwar bl-in genere, accessi jew reperti li jsiru skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici.'*

Dan ifisser kif effettivament l-Artikolu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma japplikax f'dawn il-kazijiet ghaliex ir-risposta hi li f'dawn il-kazijiet u appuntu f'din l-inkjesta, l-Magistrat mhix ser taqta' ebda kawza. Xogholha huwa biss li taghmel indagni, tigbor il-provi u dokumenti li jistghu jew ma jistghux iwasslu lil xi persuna li titressaq il-Qorti. Dan hu l-istess ragunament li milqugh mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2017 fl-atti tar-Rikors Guramentat tal-**Onorevoli Kap tal-Opposizzjoni Dr Simon Busuttil.**

Hawnhekk qieghdin f'sitwazzjoni *sui generis* u l-Magistrat jista' juza biss l-Artikolu 734 tal-Kap 12 bhala linja gwida u cioe' bhala ragunijiet il-ghala hija ghandha jew m'ghandhiex tirrikuza ruhha.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005 (Rikors Numru 8/2003) fl-ismijiet **Sandro Chetcuti u James Barbara vs L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom id-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, id-Direttur u r-Registratur tal-Qorti Ghawdex, George u Loreta konjugi Galea, u Joseph Galea** qalet is-segwenti:

*"Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, huwa principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin – ara d-diversi sentenzi msemmija fis-sentenza appellata – illi anki jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta' rikuza – anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni – tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Huwa pacifiku wkoll fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi, id-decizjoni jekk tezistix jew le imparzjalita` ai termini ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, trid tigi bbazata fuq test soggettiv, cioe` fuq il-konvinzjoni*

*personali tal-gudikant partikolari f'kaz specifiku, u wkoll fuq test oggettiv, u cioe` jekk il-gudikant ikunx fil-kaz partikolari joffri garanziji sufficijenti sabiex jeskludi kull dubbju legittimu ta' parzjalita`.*

Fil-kawza fl-ismijiet **'Dun Marjanu Zammit vs AG'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-8 ta' Jannar 1997[1] inghad li:

*"L-imparzjalita' trid titqies kemm fuq test suggettiv kif ukoll fuq test oggettiv [ Demicoli vs Malta para 40]. L-astensjoni u r-rikuza anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghalihom [anzi jista' jkun hemm divjet ta' l-astensjoni] f'xi kazijiet ghandha ssir jekk ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja....*

*Fil-kawza fejn il-Magistrat sedenti kien iben avukat li kien assessur tal-Kurja fil-kawza, il-Magistrat ghandu jastjeni ghax dan jista jilledi d-drittijiet fundamentali."*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti mhux qed jghidu illi l-Magistrat in kwistjoni, agixxiet, jew qed tagixxi jew bi hsiebha jew x'aktarx tagixxi *"with personal bias"* fl-inkjesta pendenti, izda semplicement li c-cirkostanzi partikolari ma jaghtux garanziji sufficjenti li jeskludu preokkupazzjoni jew dubbju legittimu in propositu.

Fil-kuntest ta' l-hekk imsejjah *"objective test of impartiality"*, il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza **Hauschildt v. Denmark** (24 ta' Mejju 1989) qalet hekk:

*"Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic*

[1] Rikors numru 564/96

*society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw."* (para. 48)

U dik is-sentenza kompliet tghid hekk:

*"This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea jidher illi fil-kuntest ta' involviment ta' gudikant fi stadji differenti tal-proceduri, il-kwistjoni jekk ikunx hemm imparzjalita` oggettiva jew le tiddependi totalment min-natura u l-iskop tal-varji proceduri in kwistjoni.

Fis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet '**Sant vs Kummissarju tal-Pulizija**' deciza fit-2 ta' April 1990; fis-sentenza fl-ismijiet '**Cachia vs Onor. Prim Ministru et'** deciza fl-10 ta' Ottubru 1991; fis-sentenza fl-ismijiet '**Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et'** deciza fis-17 ta' Gunju 1994 u mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '**Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et'** deciza fl-1 ta' Novembru 1996 gie ritenut li:

*"Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja."*

Fil-kaz ta' **Kyprianou vs Cyprus**[2] intqal:

"*Although the Court did not doubt that the judges were concerned with the protection of the administration of justice and the integrity of the judiciary and that for that purpose they felt it appropriate to initiate the procedure in question, the Court found that the judges did not succeed in detaching themselves sufficiently from the situation. That conclusion was reinforced by the speed with which the proceedings were carried out and the brevity of the exchanges between the judges and Mr Kyprianou.*

*Against that background and having regard in particular to the different elements of the judges' personal conduct taken together, the Court found that the misgivings of Mr Kyprianou about the impartiality of Limassol Assize Court were also justified in this respect.*"

Fis-sentenzi, **Fey v. Austria**[3], 24 February 1993, and **Wettstein v. Switzerland**[4], the Court held that:

"*Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality*" (sottolinear tal-Magistrat Inkwirenti).

---

[2] *Application no. 73797/01 Decided by the European Court of Human Rights on the 15th December, 2005*
[3] *Application no. 17358/90 Decided by the European Court of Human Rights on the 22 February 1996*
[4] *Application no. 33958/96 Decided by the European Court of Human Rights on the 21 December 2000*

Jinghad li huwa ta' importanza ukoll ghall-esponenti sabiex taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet ***Algar v. Spain***[5], fejn inghad f'dan ir-rigward li:

*"In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw."*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost u ma' dak li gie deciz kemm il-Qrati nostrana taghna kif ukoll mill-Qorti tal-Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem il-Magistrati Inkwirenti hija tal-fehma li sabiex **il-gustizzja mhux biss issir izda tidher li qed issir**, tilqa' it-talba ghar-rekuza taghha u ghalhekk tordna li l-atti ta' din l-inkjesta jigu mghoddija lis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef sabiex minnufih jigi appuntat Magistrat iehor sabiex jissokta b'din l-investigazzjoni.

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

[5] *Application no. 28194/95) Decided by the European Court of Human Rights on the 28 October 1998*